MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 375/1987/1

**Joseph A. Gasan u Joseph Said bhala diretturi ta` u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Intercontinental Services Limited u b`digriet tal-Qorti tat-3 ta` Mejju, 2002, ic-Chairman tas-socjeta` attrici ghandu jigi sostitwit minn 'Joseph A. Gasan' ghal 'Joseph Said' u ghalhekk ghandhom jinhassru dawn iz-zewg kelmiet, u b`nota tad-29 ta` Lulju, 2008 l-isem tas-socjeta` attrici gie mibdul ghal First Gemini plc**

**vs**

**Alfred Grima, Henry Micallef, Charles Grima, Victor Licari, Avukat Dottor Victor A. Mercieca u l-Professur Avukat Dottor Joseph A. Micallef u b`nota tat-8 ta` Frar, 2001 l-avukati Anton u Peter ahwa Micallef assumew l-atti tal-kawza minflok il-Professur Dr. Joseph A. Micallef li miet waqt il-mori tal-kawza u b`digriet tal-14 ta` Mejju, 2007, Angelo Grima u ohtu Alessandra Spiteri assumew l-atti ta` din il-kawza**

**minflok il-konvenut Alfred Grima li miet fil-mori tal-kawza u b`digriet tas-7 ta` Lulju, 2003, Margerita armla ta` Dr. Victor Mercieca, Anna armla ta` Wayne Weldon u Michael Mercieca assumew l-atti ta` din il-kawza flok l-Avukat Dottor Victor A. Mercieca li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li in forza taghha, wara li ppremetiet illi:

Fil-perjodu bejn il-wiehed u tlettin (31) ta` Lulju, 1985 u t-tletin (30) ta` Lulju, 1986, il-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef kienu c-Chairman u s-Segretarju rispettivament tas-socjeta` attrici u l-konvenuti l-ohra kienu diretturi tas-socjeta` attrici.

Jirrizulta minn dokument ufficjali li tul l-imsemmi perjodu, u segnatament fil-hamsa (5) ta` Novembru, 1985, il-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef bhala firmatarji tal-kumpanija attrici u ghan-nom tal-istess iffirmaw id-dokument li bih bieghu lil Middle Sea Insurance Co. Ltd sebgha mija u hamsin elf (750,000) azzjoni (tal-valur nominali ta` 5 centezmi kull azzjoni) fis-socjeta` Air Malta Company Limited versu l-prezz komplessiv ta` mija u hamsin elf liri (Lm 150,000).

Tali prezz ta` Lm150,000 thallas minn Middle Sea Insurance Co. Ltd permezz ta` cheque fl-ammont ta` sebghin elf liri (Lm70,000) migbud fuq Mid Med bank Ltd u tliett cheques ohra fl-ammont rispettiv ta` tmienja u tlettin elf (Lm38,000), tnejn u tlettin elf (Lm32,000) u ghaxart elef liri (Lm10,000) migbuda fuq Bank of Valletta u kollha mahruga a favur tas-socjeta` attrici, bhala socjeta` venditrici.

Mill-kotba tas-socjeta` attrici jirrizulta illi c-cheques fuq indikati fl-ammonti rispettivi ta` Lm70,000, Lm38,000 u Lm32,000 gew akkreditati fil-kontijiet taghha.

Altrimenti pero` ma nstabet ebda traccia fil-kontijiet tas-socjeta` attrici tar-rimanenti amont ta` Lm10,000, liema ammont fil-fatt thallas mis-socjeta` kompratrici Middle Sea Insurance Company Limited permezz ta` cheque migbud fuq Bank of Valletta Ltd datat sitta (6) ta` Novembru, 1985, cheque numru A/463112 mahrug f`isem "Intercontinental Services Ltd". Tali cheque jirrizulta li gie ffirmat *"a tergo"* miz-zewg konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef u l-import relattiv inkassat fi flus kontanti mill-Bank of Valletta, Bisazza Street, Sliema Branch fit-tlettax (13) ta` Novembru, 1985

Recentement l-Board tad-Diretturi attwali tas-socjeta` attrici, elett fil-kariga fit-30 ta` Lulju, 1986, ripetutament talab lill-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef sabiex jaghtu spjegazzjoni dettaljata dwar il-mod kif huma iddisponew mill-imsemmi ammont ta` Lm10,000 stante li, kif premess, ma tezisti ebda traccia ta` tali somma fil-kotba u kontijiet tas-socjeta` attrici.

Inoltre fid-disgha u ghoxrin (29) ta` Settembru, 1986 il-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef gew interpellati permezz ta` protest gudizzjarju sabiex *"inter alia"* jipproducu prova dokumentarja sodisfacenti dwar il-mod kif huma iddisponew mill-imsemmi ammont ta` ghaxart elef lira (Lm10,000) a beneficcju tas-socjeta` attrici.

Pero`, b`kontro-protest prezentat fid-9 ta` Ottubru, 1986, il-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef fil-waqt li qablu *"li l-750,000 azzjoni imsemmija f`dak il-protest inbieghu ghas-somma ta` Lm150,000 u li ttiehdet is-somma ta` Lm10,000",* naqsu milli jaghtu spjegazzjoni gustifikattiva tal-operat taghhom anzi ddikjaraw testwalment *"li ma ghandhom ghalfejn jaghtu ebda dettalji tal-operat taghhom"* ghaliex *"kull ma ghamlu kien gie qabel approvat minn membri ohra tal-Bord"* ta` dak iz-zmien – affarijiet li huma legalment insostenibbli u fattwalment mhux pruvati u huma kontestati.

Fis-sitta (6) ta` Frar, 1987 l-instanti baghtu ittra ufficcjali lill-konvenuti kollha biex jaghtu kont tal-operat taghhom

dwar il-Lm10,000 fuq indikati u r-risposti li nghataw huma dawk annessi (Dok. E / F / G / H / I) izda avolja ntqal minn xi uhud minnhom li thallsu bhala kummissjoni lil xi hadd izda ma nghata l-ebda dokument gustifikattiv jew spjegattiv u l-ebda dettall li jaghti xi spjegazzjoni dwar dan is-suppost pagament; li l-instanti noe, mhumiex soddisfatti li dan is-suppost pagament ta` ghaxart elef lira (Lm10,000) sar lil xi terz, u subordinatament, jekk sar, li dan il-pagament sar fl-interess tal-kumpanija attrici u/jew li kien lecitu u li jidhol fl-awtorita` tal-kumpanija jew tal-Bord tad-Diretturi taghha u kull minn kellu x`jaqsam ma` din l-operazzjoni minn naha tal-kumpraturi jinnega li kien hemm xi sensal jew li sar xi pagament ta` ebda kummissjoni; illi l-konvenuti kollha li kellhom x`jaqsmu ma din il-kwistjoni bhala diretturi, segretarju u/jew firmatarji ta` dokumenti bankarji f`isem il-kumpanija instanti huma solidalment obbligati lejn l-instanti biex jaghtu kont tal-operat taghhom u li jhallsu lill-instanti, anke jekk hemm bzonn il-linea ta` danni, l-imsemmija Lm10,000 li kienu flus tal-kumpanija instanti u li baqghet nieqsa minnhom; il-konvenuti kollha fil-karigi u mansjonijiet li kellhom fil-kumpanija attrici kienu obbligati li jagixxu bid-diligenza u attenzjoni kollha u fil-limiti tal-legalita` u awtorita` tal-kumpanija u fil-fatt naqsu milli jaqdu dawn id-doveri taghhom lejn il-kumpanija skond il-ligi, imhabba frodi u / jew negligenza u / jew kolpa skond il-ligi, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bhala fatt l-imsemmi ammont Lm10,000 ma giex akkreditat lill-instanti nomine u ghalhekk ic-cirkostanzi bl-ghemil jew nuqqas tal-konvenuti is-socjeta` attrici sofriet danni konsistenti fil-mankat inkass tas-somma ta` Lm10,000 u fit-telf tal-imghax relattiv.

Il-konvenuti huma responsabbli ghad-danni hekk sofferti mis-socjeta` attrici u dana in solidum bejniethom.

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. jigi dikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-konvenuti kollha, jew minn minnhom huma responsabbli, anke jekk

hemm bzonn in linea ta` danni, lejn l-instanti nomine imhabba l-ghemil jew nuqqas taghhom bazat fuq frodi u / jew negligenza u / jew kolpa fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom lejn il-kumpanija attrici has-somma ta` ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) li kienet parti mill-prezz tal-bejgh tal-azzjonijiet f`Air Malta Company Limited maghmul mill-instanti nomine lill-Middle Sea Insurance Company Limited fil-5 ta` Novembru, 1985 liema somma ta` Lm10,000 baqghet ma gietx akkreditata lill-kumpanija attrici – u dana ghar-ragunijiet premessi.

2. m`ghandhiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, solidalment bejniethom, ihallsu lill-instanti nomine is-somma fuq indikata ta` ghaxart elef lira (Lm10,000) bl-interessi tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-tlettax (13) ta` Novembru, 1985 (data tal-inkass tac-cheque relattiv) sad-data tal-pagament effettiv lill-instanti nomine – u dana ukoll ghr-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tal-29 ta` Settembru, 1986 u l-ittra ufficcjali tas-6 ta` Frar, 1987 kontra l-konvenuti li ghandhom jibqghu ingunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Licari li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Id-domandi attrici in kwantu jolqtu lilu huma infondati kemm fil-fatt u fil-ligi u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;

2. fil-board meeting tat 8 ta` Novembru, 1985 ta Intercontinental Services Limited, Alfred Grima u Henry Micallef ippresentaw fatt kompjut lil Bord ta` Diretturi billi infurmaw lill-membri li kienu bieghu is-shares in kwistjoni lil Middle Sea Insurance bil-prezz ta` mija u erbghin elf liri Maltin (Lm140,000). Isemmew ukoll li kien hemm xi spejjes, pero` meta gew ippressati biex jaghtu dettalji tal-ispejjez Grima u Micallef irrifjutaw li jghidu. L-anqas is-share transfer form ma giet presentata lil Board;

3. bhal ma jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza il-minuti tat 8 ta` Novembru, 1985 ma jurux fedelment dak li sar u ntqal fl-istess meeting;

4. l-eccipjent qatt ma approva il-minuti tal-Bord Meeting tat ta` Novembru, 1985 stanti li meta dawn il-minuti inqraw ghal approvazzjoni fil-meeting li sar fl-4 ta` April, 1986 hu kien imsiefer u allura ma setax jattendi u aktar u aktar japprovhom;

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef li in forza taghha eccepew illi:

1. it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes preliminarjament billi l-accounts tas-socjeta` attrici tas-sena 1985 gew debitatament approvati mill-azzjonisti kollha bla ebda eccezzjoni u/jew riservi u kwindi ghalhekk l-azzjoni attrici hija irrita.

2. sussidjarjament ghall-premess u bla pregudizzju ghall-istess illi d-domandi attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li kull ma ghamlu l-esponenti ghamluh fl-ahjar interess tas-socjeta` u wara li ottjenew il-vot unanimu tal-Bord tad-Diretturi. Kif qatt jista` jigi Bord gdid ta` socjeta` u jibda` jindaga l-operat tal-Bord ta` qablu? Kieku dan il-koncett kellu jigi ammess allura s-socjetajiet kummercjali flok ‘l quddiem jibdew jimxu lura.

3. Inoltre illi Bord tad-Diretturi u *multo magis* ic-Chairman ta` dak il-board huwa mandatarju tas-socjeta` u kwindi a tenur tal-Artiklu 1970 tal-Kodici Civili jitqies li nghata is-setgha li jaghmel dak kollu li jidhirlu mehtieg ghall-esekuzzjoni tal-mandat u f`dan il-kaz il-mandat moghti lill-esponenti kien dak tal-bejgh tas-shares. Kwindi allura l-operat taghhom, ossia l-esekuzzjoni tal-operat taghhom mhux u ma jistax ikun sindakabbli issa mill-Bord il-gdid.

4. L-esponenti taw kont ta` dak li kienu sejrin jaghmlu lil Bord tad-Diretturi avolja skond il-ligi huma tenuti li jaghtu

kont ta` dak kollu li huma jkunu ghamlu (Artiklu 1977 Kodici Civili) u ta` dak kollu li huma kienu ser jircievu bis-sahha tal-mandat u kwindi anke dak l-obbligu gie minnhom debitament onorat.

5. ma hemm xejn, almenu in kwantu jirrigwarda l-esponenti, li b`ghamilhom fil-bejgh ta` dawn is-shares huma ghamlu xi haga li tista` tkun detrimentali ghas-socjeta` - se mai l-oppost - kwindi la hemm frode, la negligenza u lanqas culpa fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom lejn il-kumpanija attrici.

6. salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Grima li in forza taghha eccepixxa illi:

1. huwa dejjem agixxa skond il-ligi u kif awtorizzat mill-att kostitutiv tas-socjeta` li taghha kien direttur.

2. bl-ebda mod ma naqas mid-dmirijiet tieghu sew fil-konfront tas-socjeta` sew fil-konfront tas-socji individwali.

3. l-agir tal-eccipjent kif ukoll tal-Board, li minnu kien jifforma parti, kien gie approvat fil-laqgha generali tas-socjeta` attrici. Waqt liema laqgha kienu ukoll gew approvati l-accounts tal-istess socjeta`.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Victor A. Mercieca li in forza taghha eccepixxa illi:

L-eccipjenti ma ghamel ebda att frodolenti jew negligenti fl-ezekuzjoni tad-dmirijiet tieghu waqt li kien direttur tas-socjeta` attrici li setgha ikkaguna id-danni pretizi mill-attur nomine.

Il-pretenzjonijiet u allegazjonijiet tal-atturi nomine fil-konfront tieghu huma kompletament infondati legalment peress li huwa la awtorizza u lanqas kien infurmat dwar

in-natura u inkassa tas-somma ta` Lm10,000 reklamata mis-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjent ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Professur Dottor Joseph A. Micallef li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Huwa bhala membru tal-Bord ta` Diretturi ta` Intercontinental Services Ltd approva l-bejgh tas-shares ta` l-Air Malta Limited u l-hlas ta` Lm10,000 ghal senserija jew kommissjoni;

2. L-istess bejgh ta` shares u hlas ta` kommissjoni gew debitament u unanimament approvati u awtorizzati mill-Bord tad-Diretturi u la l-Bord sussegwenti u lanqas din il-Qorti ma tista` tissostitwixxi l-gudizzju taghhom ghal dak u ghalhekk huma insindikabbli.

3. Huwa qatt ma agixxa in frode u dejjem fil-limiti legali.

4. Il-bejgh ta` shares jaqa` fil-poter tal-Bord ta` Diretturi u l-hlas ta` kommissjoni anki fil-mansjoni tal-Managing Director Alfred Grima.

5. Jekk hemm nuqqas ta` registrazzjoni fil-kotba tal-kumpanija l-eccipjenti mhux responsabbli ghaliha, ghax qatt ma kienu f`idejh, u ma jifhimx ghax kellha ssir.

6. Ghalhekk id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li din il-kawza imxiet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet “Joseph Said noe vs Alfred Grima et”, citazzjoni

numru 932/88, b`mod li l-provi li ngabru f`kawza wahda jitqiesu applikabbli ghall-ohra;

Rat li ghal diversi snin, is-smiegh tal-provi f`din il-kawza u f`dik konnessa kien gie sospiz minhabba l-pendenza ta` procedura kriminali kontra uhud mill-konvenuti in konnessjoni mal-meritu tal-kawzi;

Rat bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, it-traskrizzjoni tax-xhieda mismugha fil-procedura kriminali ghandhom jitqiesu ukoll bhala prova ghall-fini ta` din il-kawza u dik konnessa maghha;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta` Gunju, 1998, li kkonfermat il-liberazzjoni minn kull htija fil-konfront tal-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef li kienet tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fis-17 ta` Frar, 1997;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti l-Avukati Anton u Peter ahwa Micallef (li ssubentraw fil-kawza flok missierhom il-konvenut Professur Dottor Joseph A. Micallef li miet fil-mori tal-kawza) li in forza taghha eccepew illi:

1. filwaqt li jtennu u jsostnu l-eccezzjonijiet gia eccepiti mill-konvenut, llum mejjet, l-Avukat Professur Joseph Micallef, l-ligi applikabbli dwar il-mertu ta` din il-kawza hija l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168) u mhux l-Att Nru XXV 1995 dwar il-kumpanniji.

2. Stante li l-eccipjenti qatt ma kienu diretturi jew ufficjali tas-socjeta`/socjetajiet attrici, it-talbiet numru wiehed mhijiex soretta mil-ligi fil-konfront ta` l-eccipjenti.

3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta` Dicembru, 2002 li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Avukati Anton u Peter ahwa Micallef, fis-sens li iddecidiet li l-ligi applikabbli ghall-

meritu ta` din il-kawza hija l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168), u ddiferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esibiti kemm ta` din il-kawza kif ukoll ta` dik konnessa maghha citazzjoni numru 932/88;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijietipprezentati minn uhud mill-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza iddur fuq l-agir tal-konvenuti li fl-epoka in kwistjoni kienu jikkomponu l-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici tallega li wara l-bejgh ta` ishma li kellha fil-kumpanija Air Malta lis-socjeta` Middlesea Insurance Co. Ltd, parti mir-rikavat, precizament is-somma ta` Lm10,000, ma gietx imdahla fil-kotba tal-kumpanija, u fil-fatt intilfet lill-istess kumpanija, minhabba agir doluz u qarrieqi da parti tad-diretturi konvenuti.

L-istorja li tohrog mill-lat tal-konvenuti hija din. Is-socjeta` Intercontinental Services riedet tiddisponi mill-750,000 ishma li kellha fil-kumpanija Air Malta u, jekk jista` jkun, riedet tbieghhom bil-prezz ta` 23c kull ishma. Dak iz-zmien, is-socjeta` kellha self dovut lill-bank lokali ta` madwar Lm200,000, u l-bank kien qed jippressa lid-diretturi biex jhallsu, u ghalhekk riedu jbieghu xi assi; ma riedux jutilizzaw il-flus li kellhom investiti barra minn Malta ghax dawn kienu jrendu imghax tajjeb.

Jidher li domanda ghall-dawn ishma ma tantx kienet qawwija. Id-ditta attrici ofriethom lill-Barclays Bank, li dak iz-zmien kien jopera f`Malta, izda dawn ma rieduhomx. F`xi zmien bdew negozjati mas-socjeta` Middlesea

Insurance ghall-bejgh ta` dawn l-ishma. Ghal ewwel din is-socjeta` offriet il-prezz ta` 15c ghal kull ishma, pero`, id-diretturi Henry Micallef u Alfred Grima, li kienu jiehdu hsieb in-negozjati, riedu jkunu jafu sa fejn dik is-socjeta` kienet lesta li tasal. Riedu, ghalhekk, *"inside information"* u kienu lesti jhallsu ghaliha. Tqabdet persuna li kellha din l-informazzjoni li zvelatilhom li l-Middlesea kienet lesta thallas sa 20c ghall-kull ishma. Minn hi din il-persuna baqa` mistur sal-ahhar, anke waqt is-smiegh ta` din il-kawza.

Ghal hafna zmien, is-socjeta` Middlesea baqghet izomm iebes fuq il-prezz ta` 15c kull ishma, pero`, armati bl-informazzjoni li kellhom, is-Sinjuri Grima u Micallef baqghu jinsistu ghall-prezz ghola. Huma infurmaw lill-Bord tad-diretturi bl-istorja kollha, hlief l-identita` tal-informatur u dan approva l-kondotta tas-Sinjuri Grima u Micallef u l-hlas tal-kummissjoni li kienet imweghda lill-persuna li kixfet l-informazzjoni. Wara li gie konkluz il-bejgh, il-Bord tad-Diretturi irratifika l-agir tac-Chairman (i.e., Alfred Grima) u esprimew is-sodisfazzjon u l-approvazzjoni taghhom ghal dak li kien sar ghar-rigward il-bejgh ta` dawn ishma.

Eventwalment, sar qbil mal-Middlesea ghal-bejgh tal-ishma bil-prezz ta` 20c kull ishma, ghal total ta` Lm150,000. Il-hlas kien se jsir b`zewg cheques ta` Lm80,000 u Lm70,000, izda s-Sur Henry Micallef ried li c-cheque ta` Lm80,000 jinqasam b`mod li johrog cheque ghall-Lm10,000. Eventwalment, is-socjeta` Middlesea harget tlett cheques, ghall-Lm38,000, Lm32,000 u Lm10,000, flok dak ta` Lm80,000. Ic-cheque ta` Lm10,000 tpogga f`kont bearer, u l-ammont thallas cash lill-intermedjarju u ma dahlux fil-kotba tal-kumpanija. Huma dawn Lm10,000 li s-socjeta` attrici qed tirreklama f`din il-kawza.

L-accountants u l-awditur tal-kumpanija kienu jafu b`dan il-hlas li sar lill-intermedjarju, tant li insistew li fl-accounts titnizzel is-somma ta` Lm140,000 net, u mhux gross, bhala l-prezz tal-bejgh tal-ishma. Skond is-Sur Henry Micallef, fil-General Meeting tas-socjeta` li approvaw l-

accounts, xi hadd, staqsa jekk il-fatt li l-figura tnizlet bhala net kienx ifisser li kien hemm xi spejjes, u l-awditur wiegeb li iva. L-awditur, is-Sur Joe Zammit Tabona, fix-xhieda tieghu qal, pero` li waqt il-laqgha, bi zvista, kien wiegeb le ghad-domanda, izda meta induna bl-izball, spjega l-posizzjoni tieghu f`ittra li kiteb lid-diretturi bid-data tal-21 ta` Awissu, 1986.

Jidher, ghalhekk, li s-Sur Zammit Tabona kien jaf b`dan l-allagat hlas ta` kummissjoni, tant li hu *"ghin"* biex dawn ma jidhrux fl-accounts, billi giet registrata biss il-figura ta` *"net proceeds"*, biex, ghal min jaf, jinduna li kien hemm xi spejjes. Hu, pero`, ma kellux prova ta` dan il-hlas, ghax la jaf min kien l-intermedjarju u lanqas ma ra l-hlas isir; hu qaghad biss fuq dak li b`mod informali qalulu d-diretturi. Fil-minuti tal-Bord hemm registrat biss li l-Bord approva l-bejgh ghal *"net proceeds"* ta` Lm140,000, u l-kummissjoni ma tissemma qatt u imkien.

Is-socjeta` attrici tikkontesta l-veracita` ta` din l-istorja, u, f`kull kaz, issostni li dan l-agir hu agir frawdolenti u/jew negligenti li wassal li l-kumpanija giet mcahda mill-imsemmija somma ta` Lm10,000.

Din il-Qorti, wara li analizat il-provi, hija inklinata li taqbel mal-verzjoni tal-fatti kif irrakkontata mill-konvenuti u korroborata bix-xhieda li resqu. L-istorja, fic-cirkustanzi ta` dak iz-zmien, hija kredibbli u l-konvenuti kienu konsistenti fir-rakkont taghhom. Il-mod kif gew redatti l-minuti tal-laqghat tal-Bord tad-Diretturi, u l-fatt li l-Bord kollu kien, b`mod jew iehor, involut fil-materja, juru li l-Lm10,000 verament thallsu lill-terz bhala kummissjoni u mhux gew approprjati mill-membri tal-Bord. Fil-fatt, anke l-qrati kriminali, li wkoll ezaminaw l-agir ta` uhud mill-konvenuti, ikkonkludew li ma rrizultax illi l-ammont ta` Lm10,000 gie uzat privatament mill-membri tal-Bord imharka bi profit ghalihom jew ghal xi haddiehor. Din il-Qorti kif issa presjeduta, kellha okkazzjoni tisma hi jiddeponu quddiema lil Henry Micallef u l-awditur Joe Zammit Tabona u hi konvinta li s-somma in kwistjoni thallset bhala kummissjoni lil dak li ghin lis-socjeta` attrici

takkwista prezz tajjeb ghall-ishma li kellha fil-kumpanija Air Malta.

Dan ma jfissirx li dak li sar kien legali u gust. Il-kondotta ta` dawk involuti direttament fin-negozju tal-bejgh tal-ishma huwa censurabbli u lanqas il-fatt li l-Bord tad-Diretturi approva dak kollu li sar ma jnehhi mill-att l-illegalita` intrinsika fih. Il-konvenut Professur Dottor Joseph A. Micallef, fit-tieni eccezzjoni tieghu, jimplika li la l-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` attrici approva u awtorizza l-hlas, allura l-istorja trid tieqaf hawn. Din il-Qorti ma taqbilx mal-mod generali li bih gie espost dan il-principju, ghax jekk il-Bord jagixxi illegalment u b`dolus, ma jistax jinvolvi lill-azzjonisti u l-kumpanija f`dan l-agir semplicement billi l-Bord japprova unanimament l-agir tieghu stess.

L-illegalita` li saret f`dan il-kaz, ma kienx jinvolvi l-hlas ta` kummissjoni per se, ghax ma hemm xejn hazin li persuna li trid tbiegh oggett tqabbad sensar ghal dan il-ghan u tiftiehem mieghu hlas ta` kummissjoni. L-illegalita` kummercjali sar bil-mod sotterfugju li bih saru n-negozjati mat-terz informatur, u l-habi li kien hemm mal-azjonisti. Id-doveri tad-diretturi kien li jagixxu in bona fede fl-interess tal-kumpanija, mhux li jesponi lill-istess kumpanija ghall-attakki minn barra, per ezempju, ta` negozju sleali jew hazin. Kieku l-istorja, dak iz-zmien, harget fil-berah, l-impatt fuq il-goodwill tal-kumpanija kien ikun wiehed negattiv, u anke jekk il-bejgh kien jitqies validu (peress li seta` jigi argumentat li l-kumpanija ma ghamlet xejn hazin imma uzufruwiet minn agir b`mala fede ta` terza persuna mhux relatata mal-kumpanija), xorta wahda l-impatt fuq il-valur tal-ishma taghha u fuq in-negozju taghha b`mod generali kien ikun ta` hsara ghall-kumpanija u l-azjonisti.

Ic-chairman tal-Bord tad-Diretturi ipprova wkoll jizvijja l-azjonisti prezenti ghal-laqgha annwali generali tat-30 ta` Lulju, 1986, meta qal li l-prezz tal-bejgh kien biss ta` Lm140,000, u ma kien hemm ebda spejjes involuti; f`dan kien mghejun mill-awditur Joseph Zammit Tabona li wkoll iddikjara li *"no expenses were incurred"*. Il-fatt li wara din il-laqgha, is-Sur Zammit Tabona ikkjarifika l-posizzjoni

tieghu b`ittra li kiteb lill-Bord tad-Diretturi, ma jhassarx mill-fatt li sar *"habi"* mill-azjonisti ta` dak li sehh verament.

Avolja taht ir-regim tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali ma kienx hemm regoli specifici li jirregolaw l-obbligi tad-diretturi lejn il-kumpanija, kif gie ritenut mill-Qrati taghna huma *"ghandhom jitqiesu bhala agenti jew mandatarji tal-kumpanija"* ("Refalo noe vs Boweck et", deciza minn din il-Qorti fit-18 ta` Marzu, 1983; ara wkoll "Veglio vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta` Jannar, 1973), u bhala tali kellhom obbligu li jagixxu in bona fede fl-interess tal-kumpanija u l-azzjonisti *"as a whole"*.

Kif intqal fil-ktieb "Gower and Davies" Principles of Modern Company Law" (Editur Paul L. Davies, 7 Ediz, pagna 388), dan il-principju hu bazat *"on common sense principles, the court asking itself whether it is proved that the directors have not done what they honestly believed to be right, and normally accepting that they have unless satisfied that they have not behaved as honest man of business might be expected to act"* (sottolinear ta` din il-Qorti).

Li jsir sforz biex l-ishma jinbieghu bl-ahjar prezz possibbli hu rakkomondabbli, izda li tesponi l-kumpanija ghal periklu ta` telfin ta` negozju u isem, gzur mhux agir onest fl-interess tal-kumpanija. Kif jispjega l-Baudry - Lacantinerie (*"Trattato teorico-pratico di Diritto Civile, Del Mandato"*, pagna 323 para. 593):

*"Il mandatario risponde per la colpa lieve:* ***culpa levis in abstracto****, cioe` di quella colpa che non avrebbe commesso un buon padre di famiglia.*

*Questa era la soluzione che gia dava il Pothier, il quale la giustificava dicendo che 'colui che si incarica della gestione di un dato affare si assume di compiere tutto cio` che e` necessario compiere per tale gestione e conseguentemente tutte le cure e l`abilita`, che la medesima riciede'. Il giudice tuttavia dovra` essere un*

*po` piu severo nel suo apprezzamento, quando il mandatario sia salariato"*

F`dan il-kaz, hija l-fehma ta` din il-Qorti, li d-diretturi ma wrewx dik il-kura u abilita` mistennija minnhom, u agixxew hazin meta agixxew *"underhandedly"* u b`habi tal-persuni l-aktar interessati, l-azjonisti tal-kumpanija.

Dan premess, din il-Qorti ma tarax, pero`, li ghandha zomm lid-diretturi responsabbli ghad-danni, u dan peress li l-agir taghhom gie kondiviz mill-kumpanija li zammet ghaliha u utilizat ir-rikavat tan-negozju kif registrat fil-kotba. L-artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili jghid li l-mandant mhux obbligat b`dak li jkun ghamel il-mandatorju barra l-poteri tieghu, *"hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil"*. Il-kumpanija, f`dan il-kaz, mhux qed titlob li thassar l-eghmil tad-diretturi u lanqas ma qed tidissassocja ruhha mill-kuntratt li sehh mal-Middlesea.

Ghalkemm is-socjeta` attrici kienet *"entitled to disclaim the transaction"* minhabba abbuz mid-diretturi tal-poteri taghhom (ara "Rolled Steel Products (Holdings) Ltd vs British Steel Corps", deciza mill-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra fl-1985), dan m`ghamlitux.

Is-socjeta` attrici trid izomm fis-sehh il-kuntratt ta` trasferiment tal-ishma, izomm il-beneficcji li hadet minn dak il-kuntratt, u fl-istess hin tikkundanna l-agir tad-diretturi li wassal ghal dak il-kuntratt u titlob danni minghandhom. Dan ma tistax taghmlu, u hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Farrugia noe vs Carbone pro et noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta` Mejju, 2001, fejn ukoll l-utilizazzjoni tal-flus ricevuti mill-kumpanija wassal lill-Qorti tqies bhala ratifikat kull att maghmul mid-diretturi in eccess tal-poteri taghhom. Ghalkemm din il-kawza kienet titratta kwistjoni tar-rappresentanza kuntrattwali tad-diretturi, johrog minnha principju li kumpanija ma tistax tfittex lid-diretturi ghad-danni meta hi tkun hadet u zammet ir-rizultati li sehhew bl-agir lamentat ta` dawk id-diretturi u ma jkunx irrizulta telf ulterjuri. Mandant ma jistax fil-waqt li jzomm f`idejh ir-

rikavat li sehh minn att tal-mandatarju, jitlob li l-istess mandatarju jirrintegrah fil-pussess ta` dak li l-mandatarju uza biex akkwista dak ir-rikavat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` l-ewwel talba fis-sens biss li tiddikjara li l-konvenuti agixxew b`kolpa fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom lejn il-kumpanija attrici, izda tichad it-tieni talba stante ratifika ta` dan l-agir mill-istess kumpanija.

L-ispejjes kollha tal-kawza jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mis-socjeta` attrici, u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti kollha in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------